

LINJA GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**tal-10 ta' Diċembru 2009****li temenda il-Linja Gwida BĊE/2008/18 dwar bidliet temporanji fir-regoli dwar l-eliġibbiltà tal-garanziji****(BĊE/2009/24)**

(2009/963/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u partikolarment l-ewwel inċiż tal-Artikolu 127(2),

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, b'mod partikolari l-Artikolu 12.1 u l-Artikolu 14.3, flimkien mal-ewwel inċiż tal-Artikolu 3.1 u l-Artikolu 18.2 u l-ewwel paragrafu ta l-Artikolu 20,

Billi:

- (1) Il-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) iddeċieda li jestendi t-twessiegħ ta' ċerti kriterji li jideterminaw l-eliġibbiltà tal-garanziji stabbiliti fil-Linja Gwida BĊE/2008/18 tal-21 ta' Novembru 2008 dwar bidliet temporanji fir-regoli dwar l-eliġibbiltà tal-garanziji ⁽¹⁾.
- (2) Huwa għalhekk neċessarju li l-Linja Gwida BĊE/2008/18 tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

Artikolu 1

Il-Linja Gwida BĊE/2008/18 hija emendata kif ġej:

L-Artikolu 10(2) qed jiġi mibdul b'li ġej:

'Din il-Linja Gwida għandha tapplika mill-1 ta' Diċembru 2008 sal-31 ta' Diċembru 2010 jew sad-data tal-iskadenza tal-operazzjoni ta' finanzjament mill-ġdid tal-aħħar 12-il xahar immedija sal-31 ta' Diċembru 2010, tkun liema tkun l-aħħar.'

*Artikolu 2***Dħul fis-seħħ**

1. Din il-Linja Gwida għandha tidħol fis-seħħ jumejn wara l-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
2. Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2010.

*Artikolu 3***Indirizzati u miżuri għall-implimentazzjoni**

1. Din il-Linja Gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) tal-Istati Membri parteċipanti.
2. Il-BĊNi għandhom jinnotikaw lill-BĊE dwar il-mod li permezz tiegħu be ħsiebhom jikkonformaw ma' din il-Linja Gwida.

Magħmul fi Frankfurt am Main, l-10 ta' Diċembru 2009.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET

⁽¹⁾ ĠU L 314, 25.11.2008, p. 14.